**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 18 ta' Ottubru, 2018**

Numru 7

**Rikors Guramentat Nru. 547/2015**

**Heritage Enterprise Consultancy Limited**

**vs**

**Assocjazzjoni Sportiva Hibernians**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-5 ta' Gunju, 2015 li jghid hekk:

Illi s-socjeta rikorrenti toffri fost l-ohrajn ta' servizzi ta' konsulenza ghal min jingagjha sabiex tapplika u tghin fl-ottjeniment ta' fondi minn dawk stanzjonati mill-Unjoni Ewropea taht id-diversi skemi;

Illi l-assocjazzjoni intimata ingaggjat is-servizzi tas-socjeta rikorrenti l-ewwel management u wara sabiex din tapplika ghall-fondi mill-Unjoni Ewropea sabiex tkun tista' tiffinanzja kemm totalment u anki parzjalment progetti strutturali;

Illi is-socjeta rikorrenti grazzi ghas-servizz taghha, irnexxielha iggib il-fondi necessarji sabiex il-progetti tal-assocjazzjoni sportiva intimata setghu jitwettqu;

Illi l-progetti kollha tal-assocjazzjoni sportivi intimata fil-fatt twettqu grazzi ghal dan il-finanzjament ta' fondi mill-Unjoni Ewropea ottenuti grazzi ghas-servizzi u l-intervent tas-socjeta rikorrenti;

Illi minkejja li dawn il-progetti huma kompluti s-socjeta rikorrenti baqghet ma thallsitx mill-assocjazzjoni sportiva intimata ghas-servizzi resi lilha fuq ordni taghha stess;

Illi minkejja interpellata l-assocjazzjoni sportiva intimata baqghet inadempjenti;

Ghaldaqstant tghid ghaliex l-assocjazzjoni sportiva intimata il-ghala din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara li s-socjeta rikorrenti ezegwiet servizzi lill-Assocjazzjoni Sportiva Hibernians fuq ordni taghha stess bl-ghan biex ikunu ottenuti fondi mill-Unjoni Ewropea ghall-finanzjament ta' progetti tal-istess Assocjazzjoni Sportiva Hibernians;
2. Tillikwida il-hlas dovut mill-Assocjazzjoni Sportiva Hibernians lis-socjeta rikorrenti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. Tordna lill-Assocjazzjoni Sportiva Hibernians sabiex fi zmien qasir u perentorju thallas lis-socjeta rikorrenti dik is-somma li tigi talvolta likwidata minn din l-Onorabbli Qorti in liena ta' prezz ghas-servizzi resi mis-socjeta rikorrenti lill-Assocjazzjoni Sportiva Hibernians.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-assocjazzjoni intimata ingunta in subizzjoni

Rat ir-risposta guramentata tal-Assocjazzjoni konvenuta li tghid hekk:

1. Illi, preliminarjament, in-nullita tar-Rikors Gurarnentat tal-kumpanija rikorrenti a tenur tal-Artikolu 789(1)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi din ma fihiex "dikjarazzjoni li tfisser b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza" a tenur tal-Artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema nuqqas jippregudika d-drittijiet ta' difiza tal-assocjazzjoni esponenti, senjatament id-dritt illi tressaq eccezzjonijiet fil-mertu in limine litis, liema nuqqas mhuwiex sanabbli taht ebda dispozizzjoni tal-ligi.

F'dan ir-rigward, jinghad illi, minbarra li ma jikkontjeni l-ebda indikazzjoni tal-“progetti strutturali" hemm imsemmija u meta dawn twettqu, kif ukoll l-ebda indikazzjoni tal-iffinanzjar, tal-iskemi relattivi tal-Unjoni Ewropeja jew tal-kundizzjonijiet, principji regolatorji jew kriterji ta' eligibilita tal-fondi relattivi, liema allegazzjonijiet mhuma sorretti minn ebda dokumentazzjoni ghall-intendiment tal-assocjazzjoni esponenti, r-Rikors Guramentat tal-kumpanija rikorrenti ma jikkontjeni wkoll l-ebda spjegazzjoni jew identifikazzjoni tal-inkarigi moghtija lilha mill-assocjazzjoni esponenti jew tax-xoghlijiet relattivi li taghhom qieghed jintalab hlas. Dan qed jinghad senjatament in vista tal-fatt illi ma jezisti l-ebda ftehim bl-iskritt bejn il-kontendenti li jirregola l-ingagg jew il-hlas dovut lill-kumpanija rikorrenti, kif ukoll in vista tal-fatt illi, fil-verita, l-istess ingagg tal-kumpanija rikorrenti kien jinkludi numru ta' struzzjonijiet relattivi ghat-twettieq ta' numru ta' xoghlijiet ezegwiti fuq medda twila ta' snin u fi stadji, f’kuntesti u bl-ghajnuna ta' fondi taht skemi ta' finanzjament differenti, liema fatti u cirkostanzi mhumiex sufficjentement spjegati fir-Rikors Gurarnentat b'mod illi l-assocjazzjoni esponenti tkun tista’ tifhem ghal-liema xoghlijiet jew inkarigi qieghed jigi reklamat hlas.

2. Illi, ghaldaqstant, minghajr pregudizzju ghas-suespost u filwaqt illi zzomm ferm l-kontestazzjoni taghha relattiva ghan-nullita tar-Rikors Guramentat tal-kumpanija rikorrenti kontenuta fl-ewwel (1) eccezzjoni suesposta, l-assocjazzjoni esponenti qeda, fi kwalunkwe kaz u a skans ta' kwalsiasi ekwivoku f’dan ir-rigward f'kaz illi ma kellhiex tintlaqa’ l-ewwel eccezzjoni, tirrizerva kull dritt spettanti lilha sabiex tressaq linji difensjonali u eccezzjonijiet ulterjuri fl-eventwalita illi kellhom isiru xi forma ta' kjarifiki illi jistghu talvolta jitqiesu permissibbli minn din l-Onorabbli Qorti ghar-rigward

tal-inkarigi u tax-xoghlijiet formanti l-bazi tal-allegazzjonijiet u tal-pretensjonijiet tal-kumpanija rikorrenti, u dan prevja d-dikjarazzjonijiet opportuni f'dan ir-rigward b'rispett lejn id-drittijiet ta' difiza tal-assocjazzjoni esponenti.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti, fil-mertu, f’dan l-istadju jista’ jinghad biss illi t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti huma totalment infondati, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante illi l-istess kumpanija rikorrenti ma qdietx uhud mill-inkarigi moghtija lilha fedelment skond l-istruzzjonijiet moghtija lilha f’dan ir-rigward u skont id-diligenza rikjesta, kif ukoll skond dak mistenni minnha, liema fatti sarrfu f’danni ingenti sofferti mill-assocjazzjoni esponenti, kif ukoll f'telf ta' fondi taht xi skemi differenti finanzjati mill-Unjoni Ewropeja, u dan kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

A skans ta' kwalsiasi ekwivoku, qieghed jigi rilevat ukoll illi l-assocjazzjoni esponenti qeda, minn issa, tirrizerva kull dritt ta' azzjoni kompetenti lilha f’dan ir-rigward.

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u b'zieda u in sostenn tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) eccezzjoni suesposta, jigi rilevat illi whud mill-inkarigi u xoghlijiet relattivi saru mill-kumpanija rikorrenti fuq bazi volontarja u minghajr ebda stennija jew dritt ghal kumpens relattiv da parti tal-kumpanija rikorrenti in vista tal-fatt illi l-esponenti hija assocjazzjoni volontarja li l-ghan taghha huwa filantropiku u mhux li taghmel profitt.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Is-socjeta attrici qeghda permezz ta’ dawn il-proceduri titlob il-hlas ta’ servizzi professjonali moghtija lill-assocjazzjoni konvenuta, kemm ta’ konsulenza sabiex jigu akkwistati fondi mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll ta’ manigjar ta’ progett ta’ restawr tal-Habs l-Antik ta’ Kordin mizmum mill-istess assocjazzjoni konvenuta. Kwindi hija qeghda titlob (i) dikjarazzjoni fis-sens li hija ezegwiet dawn is-servizzi favur l-assocjazzjoni konvenuta, (ii) li jigi likwidat il-hlas dovut lilha u (iii) li l-assocjazzjoni konvenuta tigi ordnata li thallasha dik is-somma talvolta likwidata ghas-servizzi resi minnha.

L-assocjazzjoni sportiva konvenuta da parti taghha tressaq numru ta’ eccezzjoniijiet: (i) dik preliminari fis-sens li l-azzjoni attrici hija nulla ai termini tal-Artikolu 789(1)(c)

tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li jinghad li ma tinghatax dikjarazzjoni cara u sewwa l-oggett tal-kawza, kif jitlob l-Artikolu 156(1)(a) tal-istess Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili; (ii) irrizervat li tressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz; (iii) tichad il-pretensjonijiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta attrici ma qdietx uhud mill-inkarigi moghtija lilha fedelment skont l-istruzzjonijiet moghtija lilha u skont id-diligenza mehtiega, liema fatti sarrfu f'telf ta' fondi ta' skemi ffinanazjati mill-Unjoni Ewropea, u danni ngenti sofferti mill-assocjazzjoni konvenuta u ghalhekk tirriserva kull dritt ta' azzjoni lilha spettanti f'dan ir-rigward; (iv) uhud mill-inkarigi u xoghlijiet relattivi saru mis-socjeta rikorrenti fuq bazi volontarja u minghajr ebda stennija jew dritt ghal kumpens relattiv, in vista tal-fatt li assocjazzjoni konvenuta hija wahda volontarja b'ghan filantropiku u mhux li taghmel profitti.

**Provi**

Permezz ta' affidavit, Dr Malcolm Borg fil-kariga tieghu ta' direttur tas-socjeta attrici u bhala konsulent li jahdem ghal rasu ressaq affidavit tieghu konsistenti f'rapport u numru voluminuz ta' dokumenti sabiex isostni t-talbiet attrici. Huwa jsostni li l-assocjazzjoni konvenuta ikkummissjonat xoghol lis-socjeta attrici fuq zewg livelli (a) ir-Restawr u konverzjoni tal-Habs Navali (Militari) ta' Kordin u applikazzjoni ghall-istess ghan lil MEPA; (b) applikazzjonijiet ghal fondi tal-Unjoni Ewropea ghar-restawr u konverzjoni f'muzew ta' parti minn dan il-kumpless. Jinghad li dan kien mehtieg peress li l-applikazzjoni ghall-MEPA kellha bzonn Method Statement u rapport sabiex tinghata direzzjoni izjed cara fuq xoghlijiet f'kumpless skedat fi grad gholi taht l-istess ligi tal-ippjanar u sabiex issir l-istess applikazzjoni lil MEPA ghar-restawr ta' parti mill-kumpless. Jinghad li l-assocjazzjoni konvenuta kienet applikat minghajr success ghal fondi tal-Unjoni Ewropea qabel ma kkummissjonat ix-xoghol lis-socjeta attrici; u applikat ghal permess tal-MEPA sabiex isir ir-restawr u uzu tal-kumpless permezz tal-periti Sant u Mugliett; liema zewg azzjonijiet kienu inter-dipendenti peress li l-applikazzjoni ghall-fondi tal-Unjoni Ewropea ma setghetx issir minghajr permess ghall-izvilupp mahrug mill-MEPA. Filwaqt li s-socjeta attrici tikkoncedi li mhux qeghda tippretendi hlas ghall-*Method Statement* u *Conservation Management Plan*, tghid li ghandha pendenti dik il-parti tal-pjan li kien jahseb ghal skola peress li d-Dipartiment tal-Edukazzjoni kellu xi riservi. Minkejja dawn ir-riservi l-assocjazzjoni

konvenuta riedet tkompli b'dan il-progett, billi tissellef flus mill-bank u tbieghu jew twelliegh lil terzi u ghalhekk ikkummissjonat pjan t'azzjoni li kien jinkludi *Feasibility u Cost Benefit.*

Kwindi jigu elenkati dawk ix-xoghlijiet li jinghad ma thallsux bejn l-2010 u 2011:
(a) Pjan ta' azzjoni ghar-restawr u zvilupp tal-muzew; (b) Ricerka u gbir ta' data; (c) studju ghal konverzjoni tal-kumpless f'*hostel*, skola u muzew; (d) diversi proposti ghal bank, kuntratturi u zviluppaturi; (e) kompilazzjoni ta' diversi proposti ghall-progetti tal-Unjoni Ewropea inkluz Urbact u Interreg Med; (f) *Expression of interest* u laghat ma' diversi entitajiet; (g) gbir ta' data fuq proposti ghall-programmi tal-Unjoni Ewropea; (h) organizzazzjoni ta' zjarat u laqghat.

It-tieni parti tax-xoghlijiet li ma thallsux bejn l-2011 u l-2013 kienu jinkludu:
(a) xoghol ghal preparazzjoni ta' sottomissjonijiet ghall-fondi tal-Unjoni Ewropea specifikatament ghar-restawr tal-Habs u zvilupp tal-muzew; (b) l-immaniggjar tal-progett tar-restawr u tal-muzew bejn l-2011 u l-2013; (c) l-eghluq u l-awditjar tal-progett u sottomissjonijiet lill-agenzija tal-hlas. Din it-tieni parti wkoll kienet tinkludi zjarat, attivitajiet u ikliet fil-Habs, kif ukoll xoghol iehor ta' promozzjoni tal-progett u tas-sit storiku nnifsu.  Jigu elenkati wkoll ix-xoghlijiet preparatorji f'din il-fazi, kif ukoll ix-xoghlijiet strutturali li kien hemm involuti f'din il-fazi, peress li hija tikkontendi li kienet responsabbli mit-tfassil, mill-komunikazzjoni ma' kuntratturi sabiex isiru l-istimi, il-BOQs, it-tfassil ta' sejha ghal kwotazzjonijiet fuq il-pjanti, spezzjonijiet fuq is-sit mal-kuntratturi u periti, kif ukoll mill-komunikazzjoni mal-MEPA u s-Sovraintendenza tal-Wirt Storiku u m'agenziji ohra tal-gvern, li jsir kontroll tax-xoghol u jittiehdu rekords fotografici fuq is-sit ta' kull komponiment; tfassil ta' *management plan, process plan* u *review*; xoghol ta' *Financial Control*, kif ukoll li jigu pprezentati l-claims lill-agenzija ghall-hlas; tfassil ta' rapport u nventarji, tfassil ta' rapport t'infiq u varjazzjonijiet mal-periti u prezentazzjoni tal-istess mal-awdituri mqabbda mill-agenzija ghall-hlas; *snagging* ta' kull komponiment tal-progett.  Jinghad li ghalkemm l-assocjazzjoni konvenuta kellha tiehu hsieb il-kontroll u x-xoghol finanzjarju u l-*claims*, dan ma sarx u ghalhekk spiccat taghmlu wkoll is-socjeta attrici.

It-tielet u l-ahhar parti tax-xoghlijiet li ma thallsux bejn l-2013 u l-2014 kienu jinkludu:

(a) *snagging* u *closure reporting*; (b) rapport u laqghat mal-awdituri; (c) tfassil tal-ahhar *claims*; (d) xoghol mizjud fuq xiri u nstalazzjoni ta' sistemi teknologici ta' interpretazzjoni; u (e) korrispondenza mal-agenzija ghall-hlas u *durability clause* tal-progett.

In kontro-ezami (a fol. 1109 et seq. tal-process), filwaqt li huwa jikkonferma li x-xoghol li tieghu qieghed jippretendi hlas fil-proceduri odjerni huwa dak elenkat a fol. 18-20 tal-process u li dan ix-xoghol twettaq bejn l-2010 u l-2014, jghid li tul dan il-perjodu, huwa qatt ma hareg fattura ghal dawn ix-xoghlijiet peress li huwa jikkontendi li l-arrangament bejn il-kontendenti kien li huwa jithallas fl-ahhar, wara li jidhlu l-*claims* kollha. Jghid li ghal *project management*, huwa normalment jiehu persentagg ta' 10% ta' dik il-figura totali tax-xoghlijiet li jkun jista' jasal ghaliha wara li jidhlu l-*claims* kollha. Mistoqsi dwar il-proposti avvanzati minnu fl-ahhar tal-progett (fol. 473 tal-process) li jew jithallas €42,725.10 jew jiehu f'idejh l-immaniggjar tal-Habs l-Antik ghal tmien snin, iwiegeb li din il-proposta kienet fis-sens li jiehu r-riskju finanzjarju fuqu ghall-ewwel erba' snin u li s-sitwazzjoni tigi *reviewed* wara erba' snin, li ghalih kien ifisser li "*everybody wins*". Mistoqsi kif wasal ghall-figura ta' €42,725.10 jghid li hadem id-drittijiet tieghu bl-10% meta l-professjonisti f'dan il-qasam izommu bejn 10% u 20%. Jinsisti li l-*project management* da parti tieghu ma kienx sar *gratis* u li huwa kien qatta' sighat twal fuq l-iscaffolding mal-haddiema biex isir ir-restawr, kif ukoll li ghamel xi xoghlijiet li originarjament ma kenux jaqghu fil-mansjonijiet tieghu, kwindi jghid li hemm zewg affarijiet li jsejjsu l-pretensjoni attrici, cioe is-sieghat li saru aktar minn dak dovut, u ghas-sighat zejda qieghed jitlob hlas bir-rata ta' €25 fis-siegha (li jghid li wasslu ghall-pretensjoni tieghu ta' €6,475 a fol. 20 tal-process) u persentagg ta' 10% ghal *project management* (li jinghad li Calleja kien jaf bihom). Mistoqsi jekk kienx jaghti l-impressjoni lir-rapprezentant tal-assocjazzjoni konvenuta li s-servizzi tieghu kienu qeghdin jinghataw b'xejn, Borg kategorikament jichad dan u b'referenza ghal xi *emails* tieghu fejn jinghad li qieghed jahdem b'xejn jew fuq bazi kwazi-volontarja, jinghad minnu li dawn iridu jittiehdu fil-kuntest li kien ilu jahdem ghal zmien twil u li kien ghadu ma thallasx, kif ukoll li r-rata ta' €25 fis-siegha hija fil-fehma tieghu ta' natura volontarja. In ri-ezami jghid li kien prezenti waqt li kuntratturi ghamlu ftehim privat quddiem nutar li jithallsu fl-ahhar tal-progett minghajr VAT.

Mix-xhieda ta' Kevin Borg (a fol. 643 et seq. tal-process), Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Paola bejn is-snin 1998 u 2014 jirrizulta li huwa kien jaf lil Dr Malcolm Borg bhala kuntrattur tal-Kunsill Lokali in kwistjoni li kien jassisti fuq fondi tal-Unjoni Ewropea u li kien gie introdott lilu minn Ronnie Calleja, General Manager tal-Hibs. Il-Kunsill Lokali in kwistjoni kien involut f'progett li jsir *Heritage Trail* tal-attrazzjonijiet kollha f'Rahal Gdid, fosthom l-Ipogew, il-Habs l-Antik, l-Oqbra Punici, u t-Tempji Megalitici, sabiex it-turisti jqattghu gurnata shiha fl-inhawi. Izda kienet l-assocjazzjoni konvenuta responsabbli mill-progett ta' restawr tal-Habs l-Antik u jghid li kien hemm il-hsieb ukoll li jsir muzew, *hostel* u *sports academy*. Filwaqt li jiddistingwi bejn il-progett tal-Kunsill u l-progett tal-assocjazzjoni sportiva, fiz-zewg progetti kien Malcolm Borg li kien jiehu hsieb il-fondi tal-Unjoni Ewropea. Ghalkemm il-Kunsill ma kienx involut fir-restawr tal-Habs l-Antik, dan il-progett kien jifforma parti mill-pjan ta' azzjoni taghhom u kienu rrakomandaw li jsir. Ix-xoghol ta' restawr tal-Habs kien jinvolvi l-faccata, it-twieqi, nqalghu s-soqfa u tbiddlu t-travi. Ix-xhud jaf bil-problemi ta' hlas li nqalghu bejn il-kontendenti fil-kawza u peress li kien jaf kemm lil Malcolm Borg, kif ukoll lil Ronnie Calleja, huwa pprova jkellimhom sabiex jaslu f'arrangament amikevoli izda minghajr ezitu pozittiv. Mistoqsi kienx jaf ir-raguni l-ghala nqalghu l-problemi, huwa jghid li sa fejn jaf hu, kif infurmat minn Ronnie Calleja, l-kwistjoni nqalghet peress li kien hemm giebja fil-progett li wara gie deciz li ma kenitx eligibbli ghall-fondi taht il-kriterji tal-progett, u li ghalhekk baqghet ma saritx.

Xehed il-perit Anthony Muscat (a fol. 655 et seq. tal-process) li kien involut bhala perit arkitett in konnessjoni mar-restawr u riabilitazzjoni tal-Habs l-Antik tas-Servizzi f'Kordin. Jghid li qabel ma dahal huwa fix-xoghol, jaf li Dr Malcolm Borg kien ipprepara rapport sabiex ikunu jista' jigi ffinanzjat dan ix-xoghol mill-fondi tal-Unjoni Ewropea. Ghalkemm huwa ghamel uzu minn dan ir-rapport, jispjega li huwa dahal fix-xena f'April 2011, wara li kien hemm bidla fil-perit. Kien perit iehor li gab il-permess ghax-xoghlijiet fl-2005 u huwa applika sabiex wara li saret ic-*change of architect*, baghat applikazzjoni sabiex il-permess ikun jista' jiggedded u l-permess rega' nhareg fit-12 ta' Marzu, 2012. Il-perit kien ingaggjat mill-assocjazzjoni konvenuta u li waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet huwa kien jiltaqa' fost nies ohra ma' Malcolm Borg. Il-perit kien konsapevoli li parti mill-flus ghall-hlas tax-xoghlijiet kienu

fondi tal-Unjoni Ewropea u huwa kien johrog certifikati tax-xoghlijiet limitatament fuq il-kostruzzjoni. Ghalkemm kien jaf li kien hemm items ohra bhal xoghol awdjovisiv, *brochures*, pavimentar, xoghol fil-hadid u xoghol fl-injam, li izda huwa ma kienx involut fihom, huwa kien responsabbli biss mill-kostruzzjoni. Il-perit jispjega li peress li nbidel is-saqaf, huma pprovaw idahhlu fit-talba ghall-fondi mill-Unjoni Ewropea li jsir ukoll kostruzzjoni ta' gibjun u tal-pajpijiet li jwasslu ghalih, pero dawn gie deciz li ma jidhlux taht l-umbrella tal-fondi mill-Ewropa. Huwa jistma li l-progett shih kien jiswa bejn €350,000 u €400,000.

Xehdet Daniela Mallia (a fol. 661 et seq tal-process), li ghal xi zmien kienet responsabbli mill-immanigjar ta' progetti tal-Unjoni Ewropea fi hdan il-Ministeru tat-Turizmu. Hija tghid li l-assocjazzjoni konvenuta kienet dahlet ghal xoghol ta' ristrutturazzjoni tal-Habs l-Antik sabiex isir progett turistiku. Tispjega li meta ssir applikazzjoni ghall-fondi, mal-applikazzjoni jigu sottomessi tliet stimi ghal kull attivita li tkun ser issir. Wara li jigi approvat il-progett, il-persuna li tkun applikat, taghzel il-fornitur ta' servizzi li tkun ser tahdem bih u wara l-fondi jigu allokati ghal dawk l-attivitajiet partikolari. Il-hlas kien isir wara li ssir talba ghall-hlas, tintbghat il-fattura li taqbel mal-istima li tkun intbaghtet qabel li kienet giet approvata, imbaghad issir spezzjoni fuq is-sit minn terzi persuni nkarigati ghal dan il-ghan mill-Ministeru. Dawn it-terzi persuni li jkunu nginiera u *quantity surveyors* jaghmlu rapport sabiex b'hekk issir il-verifika li x-xoghol ikun sar.

Moira Pisani xehdet (a fol. 671 et seq. tal-process) dwar il-fondi li gew approvati ghal progett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea ghall-Assocjazzjoni Sportiva Hibernians rigward il-progett tal-Habs l-Antik u dan wara li l-Ministeru tat-Turizmu hareg diversi sejhiet jew skemi ta' finanzjar. Ghalkemm l-assocjazzjoni konvenuta applikat ghal fondi ta' madwar €306,067.74, l-ahhar ammont approvat kien ta' €284,834.29. Hija tesebixxi l-*Grant Agreement* (Dok. MP1 a fol. 676 et seq. tal-process) li sar mill-Ministeru tat-Turizmu favur l-assocjazzjoni konvenuta, kif ukoll l-addenda u dokument iehor intitolat "*Intervention Areas As per Application Form*" (Dok. MP2 a fol. 704 tal-process). Tikkonferma li fir-rigward ta' dan il-progett ix-xoghlijiet saru, kif ukoll saru *spot checks* minn *surveyors* inkarigati mill-Ministeru tat-Turizmu u li l-flus thallsu. Hija tkompli tixhed (a fol. 771 et seq. tal-process) li saru tliet *checks* mill-

ufficcju taghhom, l-ewwel wiehed qabel ma sar *interim payment* fis-26 ta' Awwissu 2013, it-tieni wiehed sar fl-14 ta' Ottubru, 2013 mis-*surveyors* inkarigati minnhom u l-ahhar wiehed sar fl-20 ta' Novembru, 2013 mill-istess *surveyors.* Ghalkemm il-kuntratturi jintghazlu a bazi ta' tliet stimi u tigi maghzula l-orhos offerta, hija tispjega li s-*surveyors* jaraw ukoll li r-rati ta' hlas ikunu ragonevoli u jekk ikun il-kaz li r-rati jkunu ghola minn dawk normali fis-suq, jirrakomandaw li jitnaqqsu r-rati. Hija tesebixxi (Dok. MP3 a fol. 714 et seq. tal-process) numru ta' annessi li jinkludu kemm l-imsemmija rapport, kemm il-pagamenti li gew effettwati mit-tezor lill-beneficcjarju, kif ukoll il-kuntratt bejn il-Ministeru tat-Turizmu u l-beneficcjarju fuq il-fondi ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea li nghataw lill-beneficcjarju u l-addenda tal-kuntratt originali.

Mistoqsija in kontro-ezami (a fol. 954 tal-process) dwar *eligible costs*, Moira Pisani tispjega li dawn ikunu fondi li jkunu eligibbli biex jinghataw flus ghall-progett ossia l-ammont li ha jiswa l-progett, kif approvat mill-Ministeru. Imbaghad l-Unjoni Ewropea taghti sa 50% ta' dak l-ammont li jkun approvat. Meta tohrog is-sejha, jkun hemm spjegat x'tip ta' spejjez wiehed jista' japplika ghalihom, fosthom kien hemm *Project Management Costs* li kienu eligibbli (ara f'dan is-sens ukoll ix-xhieda ta' Moira Pisani a fol. 959 et seq. tal-process). Mal-applikazzjoni kien hemm *guidance notes* (Anness 1 a fol. 967 tal-process) fejn fi tliet sezzjonijiet jissemma l-*Project Manager*, u tispjega li l-assocjazzjoni konvenuta bhala intrapriza zghira kienet tkun eligibbli ghal 5% (ara klawsola 3.6.1 a fol. 1009 tal-process) tal-valur tal-progett ghal *Project Management* u mbaghad tinghata 50% ta' dak l-ammont. Dan l-ammont ta' 5% setghu jizdiedu mal-ispejjez eligibbli, izda f'dan il-kaz ma jirrizultax li l-*Project Management* kien inkluz bhala parti mill-ispejjez fl-applikazzjoni (ara paragrafu 3.7.6 a fol. 1081 tal-process) tal-assocjazzjoni konvenuta.

Xehed permezz ta' affidavit Ivan Farrugia (a fol. 899 tal-process), li kien wiehed mill-kuntratturi nvolut fuq il-progett tar-restawr tal-Habs l-Antik f'Kordin, li ha hsieb ix-xoghlijiet fuq il-faccata bhala restawr tal-gebla, bdil ta' soqfa u xoghlijiet ohra ancillari li hadet hsiebhom il-kumpannija tieghu Vaults Co. Limited. Huwa jghid li x-xoghol tlesta ghall-ahhar ta' Settembru 2013 u li hu kien ikun prezenti fuq il-post kwazi kuljum u dan ghal madwar tliet xhur. Jispjega li huwa kien jahdem taht id-direzzjoni tal-perit Anthony Muscat u tal-*Project Manager* Malcolm Borg, li kien imur fuq il-post

pjuttost ta' sikwit. Jghid li waqt il-laqghat regolari li kien ikollhom fuq il-progress tax-xoghol, jiftakar li darba partikolari, Malcolm Borg kien qal "hawn b'xejn qed naghmlu" u jghid li dan Borg kien jaghmel xogholu b'dedikazzjoni u b'mod professjonali wkoll.

Xehed Aronne sive Ronnie Calleja (a fol. 900 tal-process) bhala Direttur Generali tal-Assocjazzjoni Sportiva Hibernians, fejn inghad minnu li din hija *non-profit making organisation* li hija registrata mas-segretarjat tal-Ghaqdiet Volontarji. Huwa jiehu hsieb it-tmexxija tal-Padiljun u tal-Habs l-Antik, kif ukoll tal-clubs tal-basketball, tal-volleyball u tal-judo, izda ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-klabb tal-futbol. Bhala clubs huma jiddependu minn *sponsorships* u li l-fond tal-Habs huma jokkupawh b'titolu ta' kirja da parti tad-Dipartiment tal-Artijiet. Calleja jispjega li kien ilu jaf lil Malcolm Borg ghal madwar sittax-il sena u li kien introducihulu l-perit Jesmond Mugliette bhala xi hadd li seta' jghinhom fl-applikazzjoni ghal fondi mill-Unjoni Ewropea ghar-restawr tal-Habs. Meta kellmu l-ewwel darba u qallu x'kellhom bzonn bhala assocjazzjoni, Borg spjegalu li kellhom bzonn jaghmlu *Conservation Management Plan*, li kienet tiehu ftit taz-zmien mhux hazin sabiex tithejja u kienet ser tiswihom madwar Lm2000, izda li minghajrha ma setghux japplikaw la ghal permess lill-MEPA u lanqas ghal xi tip ta' programm ta' fondi mill-Ewropa, li huwa accetta li ssir ladarba kienet daqshekk ta' bzonn. Effettivament jghid li huma hallsu dan l-ewwel kont ta' Borg, li tela' ghal Lm1600, li thallsu bl-ghajnuna li rcevew minghand terzi. Jghid li l-ewwel applikazzjoni taghhom ghall-fondi mill-Ewropa m'ghaddietx peress li kien ghadu ma harigx permess mill-MEPA, izda wara li nhareg dan il-permess regghu applikaw ghal sejha ohra li saret u din id-darba l-applikazzjoni ghal fondi li saret minn Malcolm Borg, ghaddiet. Jghid li din l-applikazzjoni kienet tinvolvi hafna xoghol u taghha huwa hallas €2000 lil Borg. Il-progett tal-Habs l-Antik kien stmat li jitla' €360,000, li kien iddikjarat ukoll fuq il-formola tal-applikazzjoni u li fl-istess applikazzjoni Borg iddikjara li huwa kien ser ikun *Project Manager* tal-progett, izda ghal dak l-ispazju li kien hemm fl-applikazzjoni allokat ghal *project management fees*, dan thalla vojt minn Borg, anzi ddikjara li ma kenitx applikabbli.

Kien ghalhekk li fil-fehma tieghu Malcolm Borg ma kienx qieghed jippretendi hlas ghal dan il-*project management*, peress li ma nizzel xejn f'dan ir-rigward fl-applikazzjoni ghall-fondi. Huwa jesebixxi document (Dok. AG1 a fol. 912 tal-process)

li jikkonsisti fil-formola shiha tal-applikazzjoni imsejha "*Grant Scheme for Sustainable Tourism Projects by Enterprises*", li fil-pagna 19 taghha li titratta *Project Management* kienet imtliet minn Malcolm Borg bhala "*Not applicable*" (a fol. 933 tal-process). Din ma kienet ta' ebda sorpriza ghal Calleja peress li jinghad minnu li Borg kien jaghmel xoghol fuq bazi volontarja u dana peress li, ghalkemm ma kienx membru tal-kumitat, kien iqisu bhalhom il-membri tal-kumitat li jaghmlu xoghol volontarju. Jispjega li meta Borg kien irid jithallas dan kien ikun car mill-ewwel li ried jithallas, anzi f'diskors li kellu ma Borg qallu li kien qieghed jaghtih dan is-servizz b'xejn, diskors li nghad minnu wkoll quddiem kuntratturi. Jghid li meta s-socjeta attrici pprezentat il-kont fl-ahhar tas-sena 2013, meta l-progett kien lest, ghalih kienet sajjetta fil-bnazzi. Ghalkemm jikkoncedi li Borg ghamel hafna xoghol, izda qatt ma ppretenda hlas qabel ma gie pprezentat dan il-kont fejn kien qieghed jghid li jew jithallas il-kont shih jew jithallas billi jiehu t-tmexxija tal-muzew tal-Habs f'idejh. Jghid li l-ewwel kont kien ta' madwar €60,000 filwaqt li wara li wera d-dizappunt tieghu, mbaghad ftit gimghat wara gie pprezentat kont ridott ta' €40,000. Jispjega wkoll li buona grazzja kienu lesti li jsolvu l-problema billi jhallsu €10,000 izda din l-offerta ma gietx accettata. Jghid li bis-sahha tieghu s-socjeta attrici tqabbdet bhala konsulent fuq progett tal-Kunsill Lokali li gab fondi kbar mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll irrakomandawh ma' nies ohra.

In kontro-ezami (a fol. 1101 et seq. tal-process) Calleja jispjega li bhala Assocjazzjoni Sportiva Hibs, hadmu kemm-il darba mas-socjeta attrici, izda peress li ma kellhomx involviment dirett fuq progetti ohra, bhal fejn tqabbad mill-Kunsill, l-assocjazzjoni konvenuta ma kellha ebda obbligu ta' hlas. Jinsisti li l-assocjazzjoni konvenuta hallset direttament lil Malcolm Borg fir-rigward tal-*Conservation Management Plan*, peress li dan kien infurmahom mill-bidu nett li ried jithallas. Calleja jikkoncedi li huwa ffirma l-applikazzjoni bhala *Project Leader* (mhux bhala *Project Manager*) u kien hadha huwa stess personalment. Mistoqsi jekk mal-konsulenti l-ohra, inkluz il-perit, l-assocjazzjoni konvenuta ghamlitx ftehim privat, li dawn jithallsu wara li jingiebu l-fondi, x-xhud wiegeb li ma jirrizultalux dan, kif lanqas kellu ftehim ma' Malcolm Borg li dan jithallas wara li jigu l-fondi. Jinsisti li Borg offra s-servizzi tieghu *gratis* u jichad kategorikament li kellu ftehim verbali ma' Malcolm Borg jew li ma riedx jaghmel kitba privata mieghu. Jikkonferma li ghalkemm fil-bidu

kienet qeghda tiehu hsieb l-ircevuti Alison Attard, membru iehor tal-assocjazzjoni konvenuta, huwa qatt ma qabbad awditur fuq il-progett. Bhala parti mix-xoghol ta' *project management*, Borg ma meliex biss il-formola tal-applikazzjoni izda kellu jaghmel ukoll kontroll tax-xoghol tal-kuntratturi u li huwa tah l-impressjoni li dan ix-xoghol kien qieghed isir *gratis.* Jikkonferma li Borg mhux membru u ma ghandux interessi fl-assocjazzjoni konvenuta.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Jibda billi jinghad illi permezz ta' nota tas-socjeta rikorrenti pprezentata fid-29 ta' Lulju, 2015, gew elenkati d-diversi xoghlijiet li hija qeghda tippretendi hlas taghhom u li jibdew mis-sena 2010 u jibqghu sejrin sa Jannar 2014 ghall-valur ta' €42,725. L-assocjazzjoni konvenuta fis-seduta tas-6 ta' Ottubru, 2015, fid-dawl tan-nota pprezentata, ddikjarat li filwaqt li qeghda tirtira l-ewwel eccezzjoni taghha, talbet li tipprezenta eccezzjonijiet aktar dettaljati ghan-natura tal-kawza promossa. Isegwi li ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tal-assocjazzjoni konvenuta u tinnota wkoll li ma baqghet giet ipprezentata ebda eccezzjoni ulterjuri. Kwindi din il-Qorti hija marbuta li tiddeciedi l-kawza fil-parametri tat-talbiet attrici u tal-eccezzjonijiet hekk kif vigenti.

Imiss li jigi trattat dak li jitqies li huwa l-qofol tal-azzjoni attrici. Ghandu jinghad li huwa fundamentali l-principju li *omnia labor optat premium* sakemm ma jirrizultax il-kuntrarju. Dan jinsab ribadit fil-gurisprudenza taghna meta nghad li: "*kull xoghol ghandu jigi mhallas"* u li "*ma hemmx dubju li wiehed ma jistax jassumi l-attur irrinunzja ghall-pagament"* (Vol. XXXVIII.pt.II pg. 568). Hekk ukoll kif inghad aktar recentement mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-2 ta' Marzu, 2010, fl-ismijiet **Nicky Saliba vs Kunsill Lokali tan-Nadur:**

> Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg principju illi *omnia labor, optat premium* (**Nutar Dr Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Ltd et**, App Inf 20/11/2009).

F'dan ir-rigward mhuwiex ikkontestat li intalbet l-assistenza tas-socjeta attrici sabiex l-assocjazzjoni konvenuta takkwista fondi tal-Unjoni Ewropea bhala ghajnuna finanzjarja fil-progett taghha ta' restawr tal-Habs Antik f'Kordin. Din l-assistenza

kienet tikkonsisti billi fl-ewwel stadju intalbet *Conservation Management Plan* li kien mehtieg kemm ghall-hrug tal-permess tal-MEPA, kif ukoll ghall-applikazzjoni sabiex l-assocjazzjoni konvenuta tkun eligibbli ghall-fondi mill-Unjoni Ewropea. Ir-rapprezentant tal-assocjazzjoni konvenuta jghid li s-socjeta attrici thallset ta' dawn iz-zewg bicciet tax-xoghol u ghalkemm ma hemmx prova ta' hlas in atti, ma jidhirx li dan jinsab kontestat. (Ara f'dan is-sens l-affidavit ta' Malcolm Borg fis-sens li mhux qieghed jippretendi hlas ghall-*Method Statement* u ghall-*Conservation Management Plan*).

Izda s-socjeta attrici tikkontendi li hija giet inkarigata ulterjorment li twettaq xoghol ta' *project management* fuq dan ix-xoghol ta' restawr u xoghlijiet ohra li ghalihom hija ddedikat hafna hin u li taghhom qeghda tippretendi hlas ta' €42, 725.10. Min-naha l-ohra l-assocjazzjoni konvenuta tikkontendi li hija nghatat l-impressjoni li dawn is-servizzi kienu qeghdin jinghataw lilha bla hlas bhala xoghol volontarju u tghid li nhasdet meta gie pprezentat il-kont bil-pretensjonijiet attrici.

Huwa opportun li jinghad li s-socjeta attrici wettqet xoghol estensiv li minnu gawdiet l-assocjazzjoni konvenuta, in kwantu x-xoghol taghha kien ta' utilita u vantagg ghaliha, tant li bbenefikat minn fondi tal-Unjoni Ewropea li gew allokati lilha bis-sahha wkoll tax-xoghol tas-socjeta attrici. Safejn jinghad mir-rapprezentant tal-assocjazzjoni konvenuta li s-socjeta attrici wkoll bbenefikat mix-xoghol li nghatalha mill-Kunsill Lokali bis-sahha taghha, li kellu jkun bizzejjed bhala hlas, tali hsieb jitlob li jsir ftehim bilaterali u inekwivoku bejn il-partijiet, li jkun maqbul miz-zewg nahat, haga li ma saritx f'dan il-kaz.

Din il-Qorti hija marbuta li tiddeciedi *juxta allegata et probata.* Wara kollox il-ligi tipprovdi li parti trid tipprova dak li tallega (Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Artikolu 559 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili). Kwindi jispetta lis-socjeta attrici li tipprova sodisfacentement sal-grad mehtieg li kienet fil-fatt tat is-servizzi lill-assocjazzjoni konvenuta hekk kif pattwiti. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil

min irid jaghmel gudizzju (**Nancy Caruana vs Odette Camilleri**, PA 13/02/2001). Inghad ukoll:

> ... il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara sentenza Appell Inferjuri - 12.1.2001 - **Hans J. Link et vs Raymond Mercieca).**
>
> … il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara sentenza Appell Inferjuri - 7.5.2010 - **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**).
>
> … Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (ara sentenza tal-Prim'Awla - 18.5.2009 - **Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd**.).

Dwar konflitt ta' verzjonijiet, fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et v. William Rizzo et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April, 2004, inghad:

> … jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat (**Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et**, App Inf 22/11/2002). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet (**Paul Vassallo et vs Carmelo Pace**, 1986 Vol. LXX.II.144). Mera possibilita mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.

In tema legali, dwar kunflitt ta' verzjonijiet fil-kaz **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe,** deciza mill-Prim'Awla fit-28 ta' April, 2003, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell, fid-19 ta' Gunju 2006, kien precizat:

> Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;
>
> Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319);

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ghandu jinghad illi ma kienx facli ghal din il-Qorti tasal ghal decizjoni dwar il-kaz quddiemha minhabba l-mod xejn prattiku li l-partijiet itrattaw ir-relazzjonijiet komplessi ta' bejnethom. Jirrizulta li ghalkemm il-kontendenti fil-kawza kellhom relazzjoni precedenti ta' xoghol bejniethom, ma kenux jissigillaw il-pattijiet ta' bejniethom bil-miktub. Hija l-kitba li xxejjen kull dubju, izda din il-kawza hija msejsa fuq ftehim bejn il-kontendenti li jinghad li sar bil-fomm. Sa hawn ma hemm xejn hazin, peress li l-ftehim li bih is-socjeta attrici kellha taghti s-servizzi taghha, mhuwiex wiehed li kellu bilfors jirrizulta minn att pubbliku jew b'kitba privata (skont l-Artikolu 1233 tal-Kodici Civili). Id-diffikulta qeghda fil-verzjonijiet kontrastanti ghall-ahhar moghtija mill-kontendenti fil-kawza dwar il-kontenut ta' dan il-ftehim u l-Qorti trid tasal ghal konkluzjonijiet taghha wara li tislet dak li tahseb huwa l-aktar verosimili fic-cirkostanzi tal-kaz billi tgharbel l-assjem tal-provi mressqa mill-partijiet.

Tajjeb li jinghad li ghalkemm is-socjeta attrici da parti taghha ressqet abbozz ta' ftehim fejn hemm indikat li ghax-xoghol ta' *project management* hija kienet qeghda tippretendi hlas ta' €30,000 (ara dokumenti a fol. 458-459 tal-process), kif ukoll abbozz iehor fejn hija kienet qeghda titlob hlas ta' €14,000 (fol. 460 tal-process) ghal servizz ta' "*development, supply and installation services of the Interpretation of the Royal Naval Prisons Interpretation Centre for the Client*", kif ukoll abbozz ta' ftehim relatat mal-proposta taghha li tkompli tiehu hsieb l-izvilupp u l-immaniggjar tal-Muzew fuq medda ta' zmien, jibqa' l-fatt li dawn l-abbozzi huma espressjoni tal-fehma taghha ta' kumpens gust ghax-xoghol li wettqet fuq il-progett u m'hemm ebda manifestazzjoni ta' qbil ghall-imsemmija proposti da parti tal-assocjazzjoni konvenuta. Ghalhekk ghal kull fini u effett tal-ligi ma jistghax jinghad li dawn il-proposti kellhom xi effett li jorbtu lill-partijiet.

Da parti taghha, l-assocjazzjoni konvenuta permezz tal-provi mressqa minnha tishaq li tant ix-xoghol maghmul mis-socjeta attrici kien ta' natura volontarja, li meta hija stess imliet l-applikazzjoni ghall-fondi mill-Unjoni Ewropea, dik is-sezzjoni relattiva ghal *project management* giet maqtugha barra mill-istess rapprezentant tas-socjeta attrici u kwindi ghalkemm hija kienet eligibbli ghal fondi ta' *project management*, hija ma nghatat xejn f'dan ir-rigward. Fil-verita ghandu jinghad li l-applikazzjoni ghall-*Grant* u sussegwentment il-*Grant Agreement* huwa kuntratt li kien jorbot lill-

assocjazzjoni konvenuta u mhux lis-socjeta attrici. Ghalkemm dawn id-dokumenti kienu jindikaw bic-car li kien qieghed jigi ngaggat *Project Manager* li kien identifikat bhala Mr. Malcolm Borg ta' Heritage Enterprise (fol. 880 tal-process), l-assocjazzjoni konvenuta bhala l-beneficcjarja kienet firmatarja fuq il-ftehim. Kwindi dawn id-dokumenti jaghmlu stat fil-konfront tal-assocjazzjoni konvenuta u mhux terzi (f'dan il-kaz is-socjeta attrici). Wara kollox il-ligi stess tipprovdi li l-kuntratti jkollhom forza ta' ligi (art. 992 tal-Kodici Civili) u allura jkollhom effett bejn il-partijiet kontraenti biss (art. 1001 tal-Kodici Civili) u ma jistghux ikunu la ta' beneficcju u lanqas ta' pregudizzju lit-terz li ma ppartecipax ghalihom tant li ghalih il-ftehim jibqa' *res inter alios acta.* Isegwi li lanqas dan l-argument ma huwa ta' ebda sostenn.

Din il-Qorti rat il-korrispondenza voluminuza li giet pprezentata u ghalkemm xoghol il-Qorti mhuwiex li tfittex il-prova li parti suppost ghamlet, izda ghandha tgharbel il-provi mressqa. Jinhass opportun li ssir referenza ghal xi dokumenti partikolari, inkluz dawk li jaghmlu referenza ghall-kwistjoni ta' hlas u qeghdin jigu riprodotti siltiet saljenti f'ordni kronologika:

Korrispondenza elettronika (fol. 34 tal-process) li ghaddiet bejn ir-rapprezentant tas-socjeta attrici u r-rapprezentant tal-assocjazzjoni konvenuta, Ronnie Calleja, fejn dan tal-ahhar avvicina lis-socjeta attrici fit-12 ta' Jannar 2011 u talab l-assistenza taghha meta nghad minnu:

> I had put my name as Project Manager as, subjectively of course, I thought I am the ideal person to be so and also to be able to get some compensation for the long stressful hours I dedicated to this project throughout these last seven years. Now I am told that this is not possible. **<u>Can you help me please</u>**?
>
> Ir-rapprezentant tas-socjeta attrici wiegbu:
> Put my name or HE down and you will pay the VAT – **<u>we go halves</u>**
>
> U Ronnie Calleja rega rrisponda lura billi qal:
>
> **<u>OK think of a reasonable fee</u>**. We'll fill these details when you're back.

Fil-fatt l-applikazzjoni saret fit-13 ta' Lulju, 2011 (ara fol. 946 tal-process).

Korrispondenza elettronika (fol. 46 tal-process) ohra li ghaddiet bejn ir-rapprezentant tas-socjeta attrici u Ronnie Calleja, tad-19 ta' Jannar, 2011 fejn inghad:

> We have not been paid yet and costs have been taken in up by the LC. I have not been paid either for 3 years of committal – writing the Action Plan, Terms of Reference, Policy doc and managing the project in collaboration with Kevin.

Ronnie Calleja fit-23 ta' Jannar, 2011(fol. 38-39 tal-process), wiegeb hekk:

> Invoice re Project Compilation
> I am referring this invoice to FC Corradino Sports & Culture Ltd. As you are aware, although application was submitted by Ash, the whole project is being financed by CSC. In fact you were commissioned during one of the company's BOD meeetings some time ago. You should have no problem getting paid as I had declared your quote to be fair and reasonable.

Dr Malcolm Borg wiegeb din l-email billi qal:

> *Tajjeb ukoll nahdmu b'xejn and you're given this kind of treatment.*

F'email ohra mibghuta fl-14 ta'Frar, 2011(fol. 42 tal-process), Ronnie Calleja jwiegeb lill-impjegata tas-socjeta attrici f'dan ir-rigward:

> Hi Samantha
> As already explained to you over the phone, payment is neither my personal responsibility nor ASH's. Payment, however, will definitely be effected by Corradino Sports & Culture Ltd Malcolm was commissioned to prepare application for EU Structural Funds by a director of this company during one of the meetings of the Board of Directors. Nevertheless, I am putting all possible pressure on the Financial Manager of CSC Ltd. to issue cheque.

Aktar 'il quddiem fit-13 ta' April, 2011 (fol. 39 tal-process), Dr Borg jilmenta:

> I know the system is hardened up but so are we.
> Note that this is the forth month coming up from the invoice and a fifth from actual delivery of project (this is a small amount). As you know other consultants are paid a percentage upfront- I think we deserve payment.

Li ghaliha Ronnie Calleja wiegeb:

> *Nobody has ever said that you don't deserve to be paid.*
> *Now it could be a question of hours before you get paid I am told.*

Tajjeb li jinghad li l-progett gie approvat bhala eligibbli ghal finanzjament mill-Unjoni Ewropea fis-16 ta' Jannar, 2012 (fol. 678 tal-process). Sussegwentement fit-23 ta' April, 2012 (fol. 72 tal-process), Dr Malcolm Borg kiteb hekk:

> … I have not worked on that project in vain – I pushed a lot for it. I came to understand that Ms. Attard is not wanting Mr. Pullicino to work on the project.

> In this case sine this is the scenario and they have treated my work in this manner I will go with the going rate of all consultants – I got the project they want to ditch and I want 20% of the project value like all consultants with EU funding.
> The other process will be legal

Il-Grant Agreement bejn il-Gvern u l-assocjazzjoni konvenuta gie ffirmat fit-23 t'Awwissu, 2012. L-istess rapprezentant tas-socjeta attrici kiteb hekk fit-8 ta' Settembru, 2012 (fol. 209 tal-process):

> …As you know we are very honest people trying to assist usually and many a time my contribution has been on a quasi voluntary basis. There is even no paper to secure any earnings except a verbal agreement and my name on the project…

Fit-18 ta' Ottubru, 2012 (fol. 64 tal-process), Dr Malcolm Borg kiteb hekk lir-rapprezentant tal-assocjazzjoni konvenuta:

> With reference to project management
> Please refer to attached agreement
> This will include the 30,0000 Euro fee (10K) per annum for 3 years

Filwaqt li fil-31 ta' Ottubru, 2012 (fol. 67 tal-process), din id-darba kiteb lil Chris Pullicino u Kevin Borg (u gie kkupjat Ronnie Calleja) dwar Agreement ASH and HE:

> Dear Chris and Kevin
> Please find enclosed Agreement amended adding up to a total of 15,000 Euro.
> Can one *of you sign on my behalf – Ronnie has no issues with that we spoke.*

L-istess rapprezentant fl-14 ta' Novembru, 2013 (fol. 277 tal-process), kiteb:

> Prepared a Memo re Costs and recorded all contributions to date – full and final settlement for the negotiation of a contract*.*

Filwaqt li fl-20 ta' Novembru, 2013 (fol. 238 tal-process), ikompli:

> I have not mentioned anywhere that I was asking for 40 % - What is in the Memo is that even with the support we gave you the professional fees were reduced by 40%!
> …What I have done mostly in this project is resolving issues with monitoring offered by me free (u nizzilt gustament il-valur ta' dak il-kontribut)

Huwa ritenut li kien nuqqas kbir da parti tal-kontendenti fil-kawza, li ma tkellmux bic-car dwar il-pagament li kellu jsir ghas-servizzi mitluba minn qabel ma beda x-xoghol. Izda mis-siltiet appena citati, fil-fehma ta' din il-Qorti tirrizulta aktar verosimili l-verzjoni moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta attrici peress li ma jirrizultax sodisfacentement li s-socjeta attrici qatt kellha intenzjoni li twettaq ix-xoghol minghajr hlas. Ghalkemm jitressaq ukoll bhala xhud kuntrattur li jghid li sema' lil Malcolm Borg jghid "*hawn b'xejn qed naghmlu*", l-Qorti hija propensa li tqis dan id-diskors fis-sens li jispjega Borg fil-kontro-ezami tieghu, meta jghid li dan irid jittiehed fil-kuntest li kien

idum hafna ma jithallas u li fil-fehma tieghu kien qieghed jithallas inqas minn dak li kien lest joffri s-suq ghal dan it-tip ta' xoghol, li tinsab korroborata bl-iskambju ta' korrispondenza hawn qabel citata. Dan jinsab ukoll korroborat bil-fatt li l-assocjazzjoni konvenuta kienet lesta li taghmel offerta ta' €10,000 bhala donazzjoni *buona gratia* favur is-socjeta attrici, a saldu tal-pretensjonijiet taghha, kif irrizulta mix-xhieda tar-rapprezentant tal-assocjazzjoni konvenuta. Hadd ma jaghmel tali offerta jekk kemm-il darba jkun konvint li x-xoghol ikun qieghed jinghata bil-fehma li m'ghandu jsir ebda hlas peress li qieghed jinghata b'mod gratuwitu.

Izda min-naha l-ohra, fin-nuqqas ta' ftehim esplicitu u bilaterali dwar hlas, huwa meqjus li l-pretensjonijiet attrici huma wkoll esagerati meta wiehed iqis li l-persentagg normalment allokat fuq *project management* f'kuntratti simili tal-Gvern huwa ta' 5%, mentri kif jixhed Borg, huwa qieghed jippretendi hlas ta' 10% apparti hlas ghal xoghol iehor bir-rata ta' €25 fis-siegha! Jekk kemm-il darba kien jippretendi li jiehu tali persentagg, u li jithallas b'tali rata fis-siegha, kien jispetta lilu li jinsisti li jkollu ftehim bil-miktub qabel ma jidhol f'inkarigu ta' numru ta' snin minghajr serhan ta' kitba privata li tahseb ghad-drittijiet tieghu, aktar u aktar meta kien ben konsapevoli li hekk kienu qeghdin jaghmlu kuntratturi ohra. L-Qorti tirriskontra certu nuqqas ta' konsistenza da parti tas-socjeta attrici f'dan is-sens, in kwantu meta tqis il-pretensjonijiet taghha kif elenkati a fol.18 sa 20 tal-process dawn qeghdin elenkati bhala xoghlijiet specifici fuq medda ta' zmien bil-partiti relativi u mhumiex hemm spjegati bhala persentaggi ghal xoghol ta' *project management* jew bir-rata fis-siegha kif min-naha l-ohra jixhed Malcolm Borg waqt il-kontro-ezami tieghu. Lanqas jirrizulta li tali persentagg jew rata kienu approvati mill-assocjazzjoni konvenuta, anzi f'dak li huwa prezz ghas-servizzi moghtija jirrizulta vakwu assolut.

Issa huwa maghruf li fejn il-partijiet ma jkunux ftehmu fuq prezz ta' bicca xoghol minn qabel, il-ligi (art. 1624 tal-Kodici Civili) tipprovdi li fejn il-hlas ma jkunx stabbilit fil-ftehim, il-prezz jigi stabbilit jew b'ligi jew b'uzu, jew jigi meqjus mill-qorti bi stima ta' periti, jew ukoll minghajr din l-istima, skont ic-cirkostanzi. Rilevanti f'dan il-kuntest hija, s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tas-7 ta' Frar, 2007 fl-ismijiet **Nazzareno Zammit vs Anthony Desira** fejn inghad:

> Kjarament minn dawn il-ftit fatti johrog li l-kontrattazzjoni bejn il-partijiet tikkwalifika bhala wahda ta' locatio operis kif definit fl-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili. Dan il-

> provvediment ma jispecifikax f' hiex ghandu jikkonsisti l-hlas u wisq anqas kif ghandu jkun dan il-hlas (**Kollez. Vol. XXXIX P II p 559**). L-istess ligi, pero`, fl-artikolu sussegwenti (1624) tahseb ghas-sitwazzjoni fejn ma jkunx gie stabbilit il-hlas jew fi ftehim, jew b' ligi jew b' uzu. Dan taghmlu billi tassenja lill-gudikant il-funzjoni ta' arbitratur, f'liema kaz dan mhux vinkolat minn xi parametri prefissi.
>
> Minn dan jitnissel illi l-hlas ghandu jigi determinat skond kriterju ekwitativ, ispirat ghall-proporzjonalita` tal-korrispettiv man-natura, id-durata, il-kwantita`, il-kwalita` u kull element iehor pertinenti tal-prestazzjonijiet ezegwiti u tar-rizultat utli percepit minn min jikkommissjona x-xoghol. Jinghad a propozitu illi "fil-lokazzjoni ta' xoghol personali jigi kkunsidrat ix-xoghol stipulat, mill-punto di vsita tat-tul tieghu, fil-kwalita` taz-zmien li dak li jkun jahdem ghas-sid (**Kollez. Vol. L P I p 187**);

Maghmula l-konsiderazzjonijiet kollha meqjusa relevanti, din il-Qorti ser tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont li fil-fehma taghha huwa gust li jithallas lis-socjeta attrici, tenut kont taz-zmien li hija ghamlet fuq dan il-progett, li l-valur tal-progett in kwistjoni kien ta' €284,834, li l-assocjazzjoni konvenuta bbenefikat minn fondi tal-Unjoni Ewropea ekwivalenti ghal 50% tal-valur tal-progett, li l-persentagg li normalment jigi allokat f'kuntratti tal-Gvern ghal *Project Management* fuq il-progetti ta' dan it-tip huwa ta' 5%, li dan ma kienx l-uniku progett li kien qieghed jitwettaq mis-socjeta attrici fiz-zmien in kwistjoni, li s-socjeta attrici wettqet xoghlijiet ohra favur l-assocjazzjoni konvenuta li ma kenux jaqghu strettament fil-mansjoni taghha ta' *project manager*, sabiex b'hekk tqis xieraq li s-socjeta attrici tithallas is-somma ta' €20,000 ghax-xoghlijiet imwettqa minnha.

Fl-ahhar jigi rilevat illi ghalkemm l-assocjazzjoni konvenuta tressaq eccezzjoni fis-sens li s-socjeta attrici ma qdietx l-inkarigu taghha fedelment skont l-istruzzjonijiet moghtija lilha u skont kif titlob id-diligenza, liema nuqqas sarraf fi hsarat ingenti lill-assocjazzjoni konvenuta, nkluz it-telf ta' fondi tal-Unjoni Ewropea, din l-eccezzjoni ma kienet korroborata bl-ebda mod. Ghalkemm jirrizulta li finalment kien deciz mill-awtorita kompetenti li parti mill-progett mahsub konsistenti f'gibjun, ma giex accettat bhala eligibbli ghal fondi fl-iskema in kwistjoni, ma tressqet ebda prova fis-sens li din id-decizjoni kienet rizultat ta' xi nuqqas da parti tas-socjeta attrici. Lanqas saret xi kontro-talba da parti tal-assocjazzjoni konvenuta fil-konfront tas-socjeta attrici sabiex issegwi l-allegati hsarat li jinghad li hija sofriet. Minn ezami tad-dokumenti in atti ma jirrizultax li l-assocjazzjoni konvenuta qatt ilmentat dwar is-servizzi pprovduti mis-socjeta attrici u ghalhekk jitqies li din l-eccezzjoni nghatat fi stadju tardiv u dan biss

meta rinfaccata bit-talba ghall-hlas. Kwindi din il-Qorti ma tqisx opportun tinvesti din l-eccezzjoni ulterjorment.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt li tastjeni dwar l-ewwel eccezzjoni u tichad l-bqija tal-eccezzjonijiet mressqa da parti tal-assocjazzjoni konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici ta' Heritage Enterprise Consultancy Limited limitatament billi tiddikjara li hija ezegwiet servizzi lill- Assocjazzjoni Sportiva Hibernians fuq ordni taghha stess ghall-finanzjament ta' progetti u otteniet fondi mill-Unjoni Ewropea; tillikwida l-hlas dovut lis-socjeta attrici ghas-servizzi moghtija minnha lill-Assocjazzjoni Sportiva Hibernians fis-somma ta' €20,000; tikkundanna lill-Assocjazzjoni Sportiva Hibernians thallas lil Heritage Enterprise Consultancy Limited is-somma ta' €20,000, bl-imghax legali b'effett mil-lum.

Spejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur